MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 295/2011

Raymond **ABELA**

vs

**AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F' MALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-23 ta' Marzu, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-Awtorita' mħarrka kisritlu l-jedd fundamentali tiegħu għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni meta neħħietlu l-liċenza tas-sewqan tal-mtur Kategorija A; (b) issib li b'dak il-mod l-Awtorita' mħarrka mxiet *ultra vires* is-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi, u dan għaliex naqset milli tħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għamil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel

waslet biex ħadet id-deċiżjoni li tħassarlu l-limsemmija liċenza; (ċ) issib li l-imġiba tal-Awtorita' mħarrka tammonta għal abbuż tas-setgħat tagħha, billi t-tħassir tal-liċenza tiegħu tas-sewqan tal-mutur sar għal għanijiet mhux xierqa jew issejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew billi l-għamil imur mod ieħor kontra l-liġi; (d) tħassar l-att amministrattiv imsemmi u tordna lill-Awtorita' mħarrka toħroġ mill-ġdid il-liċenza tas-sewqan tal-mutur favurih; (e) issib li, prevja d-dikjarazzjoni li wettqet delitt jew kważi delitt minħabba l-aġir tagħha, l-Awtorita' mħarrka ikkawżatlu danni, u dan billi hija mxiet b'mala fidi jew b'mod mhux raġonevoli u billi l-azzjoni mitluba minnu ma setgħet tkun miċħuda la legalment u lanqas raġonevolment taħt kull setgħa oħra; (f) tillikwida d-danni mġarrba minnu minħabba fl-għamil tal-Awtorita' mħarrka; u (ġ) tikkundanna lill-istess Awtorita' tħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Marzu, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-Awtorita' mħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fl-4 ta' April, 2011[1];

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' mħarrka fit-12 ta' April, 2011, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi ma setgħetx tintlaqa' minħabba li, kif magħmula, ma kienx ċar jekk kenitx azzjoni kostituzzjonali jew inkella waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u wkoll li l-istess azzjoni kienet inammissibbli minħabba li, f'kull każ, l-attur kellu rimedji oħra għad-dispożizzjoni tiegħu, per eżempju, taħt l-artikolu 40 tal-Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn seta' jikkontesta u jikseb rimedju dwar il-kwestjoni mertu tal-kawża. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet is-siwi tat-talbiet attriċi billi liċenza tas-sewqan m'hijiex "proprjeta'" tal-attur u liċenza tas-sewqan hija "awtorizzazzjoni" u mhux "proprjeta'";

---

[1] Paġ. 14 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Mejju, 2011[2], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorita' mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "TM");

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-12 ta' Lulju, 2011[3], li mehmużin magħha kien hemm ix-xhieda b'affidavit tal-attur u dik tal-avukat tiegħu u wkoll provi dokumentali;

Semgħet ix-xhid imressaq mill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur ta' TM waqt is-smigħ tad-9 ta' Frar, 2012[4], li biha TM irtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' TM;

Rat in-Nota ta' riferenza mressqa mill-attur fit-13 ta' Frar, 2012[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2012, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv. L-attur jilminta mill-fatt li TM ma ġedditlux il-liċenza li huwa kellu għal żmien twil biex jista' jsuq mutur (*motor cycle*, Kategorija A +) u dan bla ma fissritlu għaliex kienet għamlet hekk. Jgħid li minħabba lmod kif TM imxiet miegħu, hija kisret il-jeddijiet tiegħu għal smigħ skond il-prinċipji tal-ħaqq naturali u li l-aġir tagħha kien jikser il-liġi billi sar b'mod li mxiet lil hinn mis-setgħat

---

[2] Paġ. 19 tal-proċess
[3] Paġġ. 20 sa 34 tal-proċess
[4] Paġ. 46 tal-proċess
[5] Paġ. 47 tal-proċess

tagħha u wkoll b'mod irraġonevoli. Irid li TM tagħtih lura l-liċenza u li tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab minħabba għemilha;

Illi għal din l-azzjoni TM laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni tal-attur ma kenitx ċara billi, mill-ewwel talba tiegħu, kellu jgħid jekk l-azzjoni tiegħu kenitx waħda għal ksur ta' jeddijiet fundamentali jew azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju; laqgħet ukoll billi qalet li l-azzjoni mibdija mill-attur ma setgħetx issir u dan għaliex huwa kellu rimedju ieħor fil-liġi biex jikkontesta dik iċ-ċaħda. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-azzjoni tal-attur kellha tfalli minħabba li liċenza tas-sewqan m'hijiex "proprjeta'" iżda biss "awtorizzazzjoni";

Illi TM ma baqgħetx tinsisti aktar dwar l-ewwel waħda miż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħha u rtiratha wara li l-għaref difensur tal-attur iddikjara li l-azzjoni attriċi ma kenitx kawża dwar allegat ksur ta' jedd fundamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni. Għalhekk, is-sentenza tal-lum se' tqis biss it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' TM, jiġifieri dwar jekk l-azzjoni attriċi għal stħarriġ ġudizzjarju setgħetx saret ladarba kien hemm rimedju għall-ilment tal-attur taħt liġi oħra;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li jaħdem bħala *truck-master* fil-Port Ħieles. Sa mill-1977, ftit wara li għalaq tmintax-il (18) sena, kien kiseb liċenza biex isuq karozza u, ftit żmien wara, oħra biex jista' jsuq mutur. Il-liċenzi kien iġeddidhom regolarment. Tul ħajtu, kellu seba' (7) muturi, minbarra karozzi. Għax-xogħol imur bil-mutur, u l-karozza jsuqha biss fi tmiem il-ġimgħa[6];

Illi wara li, għall-ħabta tal-2006, kien tilef il-kartiera waqt li kien xogħol fuq bastiment. Fil-kartiera kien hemm il-liċenzi tiegħu tas-sewqan. Huwa talab lill-ADT (kif kienet magħrufa TM dak iż-żmien) biex toħroġlu liċenzi ġodda. Dan għamlitu wara ftit ġimgħat;

[6] Affidavit tiegħu12.7.2011, f'paġġ. 21 – 3 tal-proċess

Illi, f'xi żmien matul Awissu tal-2010, lill-attur bagħtu għalih mid-Depot tal-Pulizija biex imur ikellimhom. Huwa nżamm hemmhekk u kien interrogat mill-Ispettur Angelo Gafa' li xlieh li l-liċenza tal-mutur kien kisibha irregolarment. L-attur ċaħad u dan tennih fiż-żewġ stqarrijiet li huwa irrilaxxa u li għażel li jiffirma[7]. Għalkemm il-Pulizija telquh, żammew il-liċenza u tawh riċevuta[8]. L-għada, il-11 ta' Settembru, 2010, qabbad avukat biex jiktiblu ittra u jibgħatha lill-Ispettur Gafa' biex jinterpellah jroddlu lura l-liċenza[9]. Il-Pulizija reġgħu bagħtu għall-attur f'Settembru tal-2010, u dak inhar ukoll reġa' ħalla stqarrija oħra li wkoll iffirmaha u li fiha ċaħad kull xilja ta' mġiba illegali[10]. Kien wara dak inhar li l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar kiteb bi tweġiba lill-avukat tal-attur għall-ittra li kienet intbagħtet minnu fil-11 ta' Settembru[11], u li fiha għarrfu li l-liċenza tal-klijent tiegħu ntbagħtet lil TM biex taqtagħha hi jekk kemm-il darba kellhiex troddhielu lura jew le. Sa dak inhar, il-Pulizija kienu għarrfu lil-avukat tal-attur li ma kinux sejrin jieħdu passi bil-Qorti kontra l-klijent tiegħu[12];

Illi b'ittra li ġġib id-data tal-15 ta' Diċembru, 2010[13], TM għarrfet lill-attur li, ladarba kienet għaddejja investigazzjoni mill-Pulizija dwar ir-regolarita' ta' kif inkisbet il-liċenza tas-sewqan bil-mutur, hija kienet qiegħda troddlu lura l-liċenza tas-sewqan dwar il-katrgoriji li ma kienx hemm dubju li l-attur kien regolari fihom. Mil-liċenza li ntradditlu lura kienet tneħħiet il-kategorija tal-liċenza A + dwar sewqan bil-mutur. Minn dak inhar, l-attur ma setax isuq il-mutur aktar;

Illi l-kawża nfetħet fit-23 ta' Marzu, 2011;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet dwar l-aspetti tad-dritt</u> dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' TM jkollha tibda billi l-Qorti tirrileva li, minn dak inhar li nfetħet il-kawża, TM qatgħetha li trodd il-liċenza tas-sewwieq bil-mutur lill-attur wara li,

[7] Dokti "EG" u "EZ", f'paġġ. 25 – 6 tal-proċess
[8] Dok "AG", f'paġ. 27 tal-proċess
[9] Dok "RA", f'paġ. 28 tal-proċess
[10] Dok "CC", f'paġ. 29 tal-proċess
[11] Dok "MN", f'paġ. 30 tal-proċess
[12] Affidavit ta' Dr Robert Abela 27.10.2011 f'paġ. 34 tal-proċess
[13] Dok "CV", f'paġ. 31 tal-proċess

f'Mejju tal-2011 (jiġifieri xahrejn wara li tressqet il-kawża u ftit jiem qabel l-ewwel smigħ), il-Pulizija għarrfuha li ma kinux sejrin jieħdu passi kriminali kontra l-attur[14]. Madankollu, minkejja li l-mertu ta' wħud mit-talbiet tal-attur ġew b'hekk eżawriti, l-Qorti jkollha xorta waħda tqis l-eċċezzjoni, kemm għaliex TM baqgħet tisħaq dwarha, u kif ukoll għaliex l-attur baqa' jisħaq fuq it-talbiet l-oħrajn tiegħu;

Illi l-**eċċezzjoni preliminari** ta' TM trid li din il-kawża ma messhiex inġabet quddiem din il-Qorti ta' stħarriġ ġudizzjarju għaliex l-attur kellu rimedji oħrajn xieraq li seta' jinqeda bihom. Hija tat b'eżempju r-rimedju taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 40 Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar l-ilment li huwa l-mertu ta' din il-kawża. Fis-sewwa, ma semmiet lebda liġi oħra li taħtha l-attur seta' fittex rimedju għall-ilment tiegħu. Il-Qorti sejra tqis dik l-eċċezzjoni biss fid-dawl tal-imsemmi artikolu indikat, għaliex m'huwiex il-kompitu tal-Qorti li toqgħod tfittex liema setgħet kienet il-liġi l-oħra (jekk kien hemm) meta dan kien dmir ta' min qanqal l-eċċezzjoni;

Illi ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa' ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għamil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[15];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għamil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[16]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż,

---

[14] Xhieda ta' Brian Farruġia 27.10.2011, f'paġ. 36 tal-proċess

[15] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)

[16] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***

f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternattiv taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għamil amministrattiv li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[17]. Diġa' ngħad li t-tħaddim tal-artikolu 469A(4) bħala eċċezzjoni għar-regola għandu jsir meta tassew li kien hemm disponibbli rimedju effettiv u li l-parti tkun naqset bla raġuni tajba milli tinqeda bih;

Illi għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li l-attur kellu rimedju tajjeb u effettiv taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi l-oħra li ssemmi TM u jekk naqsitx bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi l-għaref difensur tal-attur issottometta li l-artikolu tal-liġi msemmija minn TM ma seta' qatt jagħti r-rimedju effettiv u sħiħ li l-klijent tiegħu qiegħed jippretendi li jingħata b'din l-azzjoni tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12, ladarba l-liġi l-oħra invokata ma tagħtix ir-rimedju tal-kumpens tad-danni bħalma jista' jingħata min iressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A;

Illi għandu jingħad li l-artikolu 40 tal-Att XV tal-2009 jipprovdi li "*It-Tribunal ta' Revżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi: (a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi*

[17] P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et***

*kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u (b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità: Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi, appell li jiġi preżentat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità. (2) Dawk il-proċedimenti li minnufih qabel jiġi fis-seħħ dan l-artikolu jkunu pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport imwaqqaf bl-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għandhom, b'effett mill-31 ta' Marzu, 2010, jiġu assenjati lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva msemmi f'dan l-artikolu għad-deċiżjoni tiegħu u minn hemm 'il quddiem għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. (3) Għandu jkun hemm dritt ta' appell skond d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva minn deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva taħt is-subartikoli (1) u (2) u dak l-appell isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)*";

Illi TM tgħid li, meta fl-eċċezzjoni msemmija indikat li r-rimedju xieraq kien jinsab fil-Kap 499, b'dan riedet tfisser li dak l-Att kien inkorpora fih dispożizzjonijiet – u rimedji – li kien jinsabu fil-liġi li kienet tirregola lil TM minnufih qabel daħal fis-seħħ il-Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta. Kemm hu hekk, l-istess artikolu 40 tal-Kap 499 jirreferi għall-proċeduri mibdija taħt il-Kap 332 li kienu għadhom qegħdin jinstemgħu meta daħal fis-seħħ l-imsemmi Kap 499. Ta' min jgħid ukoll li l-Kap 332 għamel xi żmien li baqa' fis-seħħ wara li kien daħal fis-seħħ ukoll il-Kap 499: kemm hu hekk, kien bis-saħħa tal-Avviż Legali 230 tat-23 ta' April tal-2010 li l-Kap 332 ma baqax aktar fis-seħħ;

Illi li kien jagħti l-artikolu 40 tal-Kap 499 kien wieħed ta' fejda u disponibbli għall-attur li kien messu ressaqt l-azzjoni tiegħu direttament quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa mwaqqaf bis-saħħa tal-Att tal-

2007[18] dwar il-Ġustizzja Amministativa (Kap 490) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2009. Minħabba l-fatt li l-attur talab it-tħassir tad-deċiżjoni li TM ħadet li ma ġġeddidlux il-liċenza tas-sewqan bil-mutur, dak it-Tribunal kellu kull setgħa li jagħtih ir-rimedju li hu qiegħed jitlob f'din il-kawża[19];

Illi bis-saħħa tal-imsemmi Att, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu s-setgħa li "*jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop ta' l-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-seħħ dan l-Att*"[20] u bil-għan dikjarat li jkollu l-kompetenza li jirrevedi atti amministrativi[21];

Illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-leġislatur ma deherlux li kellu jħassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bħala għodda ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil tal-amministrazzjoni pubblika. Id-dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-Qorti ma jestendux irwieħhom għat-Tribunal[22]. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stħarriġ u kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa jwettqu setgħat li jixxiebhu[23]. Iżda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew dawk il-korpi biss li l-Att kostitutiv tiegħu espressament jagħnih bihom fit-Tielet Skeda tiegħu[24], u ma għandux is-setgħa li jistħarreġ l-għamil ta' awtoritjiet oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza waħdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju tibqa' waħda residwali bħala garanzija aħħarija fejn il-persuna mġarrba ma jkollhiex

---

[18] Att V tal-2007
[19] T.Ġ.A. VG **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***David Anthony Pollina noe vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta***
[20] Art. 5(1) tal-Kap 490
[21] Art. 5(2) tal-Kap 490
[22] T.Ġ.A. VG **13.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Spiteri pro et noe vs Transport Malta***
[23] Ara art. 20(1) tal-Kap 490
[24] Art. 25(2) tal-Kap 490

rimedju ieħor ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju taħt xi liġi oħra jew quddiem xi tribunal ieħor;

Illi għalhekk, jekk wieħed iqis sewwa l-ilment ewlieni tal-attur f'din il-kawża, wieħed isib li l-imsemmi Tribunal kien jista' jisma' u jagħti r-rimedju dwar dak l-ilment li kieku l-attur ressaq l-appell quddiemu. F'dan il-waqt il-Qorti trid tistħarreġ is-sottomissjoni tal-attur li t-Tribunal ma jagħtix rimedju ta' kumpens tad-danni. Għal dan l-argument, l-għaref difensur ta' TM issottometta li l-għoti tal-kumpens għad-danni mġarrba m'huwiex l-għan ewlieni ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li TM għandha raġun. L-azzjoni mressqa mil-attur hija dikjaratament waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12. L-għan ewlieni ta' azzjoni bħal dik huwa li l-Qorti tgħarbel l-għamil amministrattiv li minnu tilminta l-parti attriċi fid-dawl tas-setgħat speċifiċi li azzjoni bħal dik tagħti lill-qrati fuq l-amministrazzjoni jew l-awtorita' pubblika u li tiddeċiedi jekk kemm-il darba għamil bħal dak jiswiex jew jekk tħassrux. L-għoti ta' kumpens għad-danni f'azzjoni bħal din huwa effett sussidjarju u mhux obbligatorju ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Dan joħroġ ukoll mill-kliem tad-dispożizzjoni tal-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 li jitkellem dwar meta u f'liema ċirkostanza l-Qorti tista' tikkundanna lill-awtorita' pubblika għall-ħlas tad-danni[25]. Lanqas ma jista' jingħad li l-azzjoni għal danni minn persuna mġarrba minn xi deċiżjoni jew għamil tal-amministrazzjoni pubblika tinstab bilfors bis-saħħa ta' u fi ħdan azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A[26];

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*The absence of a right to damages on judicial review grounds has historically been justified principally on the basis that the purpose of the supervisory jurisdiction of the Administrative Court is not to compensate individuals but to act as a check on the exercise of the powers of public bodies. As noted by Lord Woolf in the 2005 ALBA annual lecture: "The justification*

---

[25] Ara, per eżempju, P.A. NC **22.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Denise Buttiġieġ vs Rettur tal-Universita' ta' Malta et*** (mhix appellata)
[26] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Paċe et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

*for not giving damages for judicial review is that the proceedings are brought for the benefit of the public as a whole, good administration being for the benefit of the public as well as the individual applicant*."[27] *However, like the Law Commission, and many members of the profession, Lord Woolf also questioned why the court should not also be empowered to award damages to an individual who has suffered loss as a result of maladministration. The theoretical distinction between a supervisory and compensatory jurisdiction is brought into stark contrast when the practicalities of awarding damages in judicial review proceedings are considered. The court is rightly wary of substituting its own decision for that of the public authority. The introduction of a damages remedy may, however, undermine this approach, as the quantum of, if not entitlement to, damages is likely to be contingent upon the remaking of the impugned decision*"[28];

Illi band'oħra, fil-qasam tad-dritt pubbliku Ingliż li minnu nstiltu d-dispożizzjonijiet relattivi tal-proċediment tal-istħarriġ ġudizzjarju fl-ordinament Malti, nkiteb li "*Damages are available as a remedy in judicial review in limited circumstances. Compensation is not available merely because a public authority has acted unlawfully. For damages to be available there must be either: (a) A recognised 'private' law cause of action such as negligence or breach of statutory duty or; (b) A claim under European law or the Human Rights Act 1998*"[29];

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni tal-eżistenza ta' rimedju effettiv taħt liġi oħra li jsawwar l-eċċezzjoni taħt eżami trid titqies fid-dawl tal-azzjoni ewlenija, jiġifieri dik tal-istħarriġ ġudizzzjarju, u mhux fid-dawl tar-rimedju aċċessorju tad-danni li jista' jintalab f'azzjoni bħal dik. Ladarba l-Qorti sabet li dwar l-azzjoni ewlenija l-attur seta' jinqeda b'azzjoni quddiem it-Tribunal taħt il-Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa f'dak id-dawl li jrid jitqies is-siwi tal-eċċezzjoni ta' TM;

---

[27] Lord Woolf, "*Has the Human Rights Act made Judicial Review Redundant?*" Alba Annual Lecture (23 November 2005).
[28] Hogan Lovells "*Damages in Judicial Review: The Commercial Context*" (2008)
[29] Public Law Project Information Leaflet (Series 5)

Illi, minbarra dan, minn qari tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(2)(e) u l-artikolu 20(1) tal-Kap 490, il-liġi lanqas jidher li teskludi r-rimedju tal-kumpens tad-danni f'azzjoni miġjuba quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif issottometta l-għaref difensur tal-attur fit-trattazzjoni tiegħu dwar din l-eċċezzjoni. Anke wkoll kieku dan ma kienx il-każ, l-azzjoni tad-danni mnissla minn ħtija akwiljana setgħet dejjem tittieħed mill-attur kontra TM jekk jikkonkorru l-elementi maħsuba mil-liġi ġenerali għal dan il-għan;

Illi għaldaqstant, fid-dawl ta' dan li ssemma aktar qabel, il-Qorti ssib li l-ilment tal-attur f'din il-kawża seta' u messu tressaq quddiem dak it-Tribunal u ssib li huwa tassew kellu l-aċċess għal dak ir-rimedju alternativ u kien bi ħtija tiegħu jekk naqas milli jirrikorri għalih. Għalhekk, issib li l-eċċezzjoni preliminari mqanqla minn TM hija tajba u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorita' mħarrka billi din irrinunzjat għaliha;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorita' mħarrka u ssib li, għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti m'għandhiex tisma' u taqta' l-kawża miġjuba quddiemha billi l-attur kellu rimedju ieħor taħt liġi oħra dwar l-ilment tiegħu u li l-istess attur naqas milli jinqeda bih; u

**Teħles** lill-awtorita' imħarrka milli tibqa' fil-kawża, **bl-ispejjeż** għall-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------